# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Settembru 2015**

**Kawza Numru : 19**
**Rikors Guramentat Numru : 83/2015/LSO**

**Doris (Maria Dolores) Balzan (ID 502763M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. Preliminari.

Illi din hija sentenza dwar talba pprezentata mir-rikorrenti fit-termini tal-**Artikolu 235 tal-Kap.Tnax tal-Ligijiet ta' Malta** mis-sentenza ta' din l-istess Qorti moghtija fil-25 ta' Gunju 2015.

Fis-sentenza taghha l-Qorti iddeciediet hekk:

1. **Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara li l-attrici matul hajjitha kienet konsistentement imsejha u maghrufa bl-isem ta' **"Doreen"** u mhux bl-isem **"Doris (Maria Dolores)"**;

2. **Tilqa' t-tieni talba** u tordna li ssir annotazzjoni fis-sens li fejn jidher isimha fl-att tat-twelid numru 5027/1963, jigi mizjud il-kliem "***maghrufa bhala Doreen"*** .

Ir-rikorrenti ssottomettiet li din il-Qorti kellha tiddeciedi wkoll dwar it-talba taghha fis-sens li isimha jitnizzel bhala "Doreen" u mhux bhala "Maria Dolores maghrufa bhala Doreen" billi, ghalkemm kienet talbet korrezzjoni fit-talbiet originali taghha, zammet ferm li isimha ghandu jkun "Doreen".

Ghaldaqstant talbet li l-qorti tiddeciedi bhala parti mit-talba taghha li l-korrezzjoni fl-Att tat-twelid numru 5027/1963 ssir billi minnflok il-kliem *Maria Dolores* jidhlu l-kliem *Doreen* u mhux *Maria Dolores maghrufa bhala Doreen.*

Il-Qorti, rat id-Digriet taghha tal-14 ta' Lulju 2015 fejn ordnat li l-intimat jigi mharrek mill-gdid u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghat-24 ta' Settembru 2015 fl-10.15 ta' filghodu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Settembru 2015 fejn meta ssejjah ir-rikors dehret ir-rikorrenti assistita mill-Avukat Dottor Anna Mallia u Dottor Stephanie Borg ghad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Regghet rat l-atti tal-kawza u s-sentenza taghha premessa.

## **<u>II. Konsiderazzjoni.</u>**

Ikkonsidrat li fis-seduta tat-28 ta' April 2015 Dr. Anna Mallia b'referenza ghat-tieni eccezzjoni tal-intimat talbet korrezzjoni tat-talbiet taghha fis-sens li l-ewwel (1) u t-tieni (2) talba jigu sostitwiti bit-talbiet kif redatti mill-intimat fir-risposta guramentata, <u>madanakollu talbet ukoll li isem ir-rikorrenti ghandu jkun "Doreen</u>". Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat l-korrezzjoni mitluba. (Sottolinear tal-Qorti).

Ikkonsidrat li meta ddeciediet it-talbiet imressqa, tat sentenza fuq it-talbiet kif korretti izda ma haditx in konsiderazzjoni r-riserva verbalizzata mir-rikorrenti fejn zammet ferm it-talba taghha li tigi imsejha bl-isem "Doreen."

Din il-Qorti kienet ikkonkludiet hekk :

*"Illi l-Qorti hija soddisfatta mill-provi kollha prodotti li r-rikorrenti ippruvat li hija konsistentement maghrufa bl-isem 'Doreen' fil-hajja socjali taghha u dan minn zmien tal-attendenza taghha fl-iskola. Hekk juru c-certifikati skolastici, dokumenti bankarji u tal-hajja civili, sorretti bl-affidavits esebiti.***"**

Madanakollu l-Qorti kkonkludiet ukoll li ma sarx zball fir-registrazzjoni tal-isem tat-tarbija fuq l-att tat-twelid .Waqt it-trattazzjoni r-rikorrenti *tramite* l-abbli difensur taghha spjegat li t-talba taghha kien fis-sens li isimha fuq dokumenti ta' identifikazzjoni bhal ma' huma l-Karta tal-Identita' u Passaport jitnizzel bhala *Doreen*.

## III. KONKLUZJONI.

Ghaldaqstant fid-dawl tal-premess il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma l-ewwel paragrafu tas-sentenza taghha tal-25 ta' Gunju 2015 fejn iddecidiet l-ewwel talba, ghar-rigward tar-rimanenti tirriforma s-sentenza fis-sens li jkompli bil-ordnijiet hawn imnizzla minnflok il-bqija tas-sentenza :

"**2. Tilqa' t-tieni talba** u tordna li ssir annotazzjoni fis-sens li fejn jidher isimha fl-att tat-twelid numru 5027/1963, jigi mizjud il-kliem "***maghrufa bhala Doreen"*** b'dan illi l-isem li ghandu jitnizzel fuq kull dokument ta' identita', passaport u certifikat kif ukoll fuq kull estratt tal-att tat-twelid taghha rilaxxjat mill-intimat ghandu jitnizzel bhala **Doreen**.

Il-Qorti tordna wkoll *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' *Malta*** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi in gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur u ssir wkoll riferenza ghall-istess sentenza kif imfisser fl-imsemmi dispozizzjoni tal-Ligi.

Kopja ta' din is-sentenza ghandha wkoll tigi notifikata lill-Identity Malta u lill-Ufficcju tal-Passaporti sabiex jiehdu konjizzjoni tal-istess u japplikawha fil-konfront tar-rikorrenti Doreen Balzan."

L-ispejjez jibqghu skont kif ordnat fis-sentenza.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**29 ta' Settembru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Settembru 2015**